## QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Numru 7**

**Rikors Maħluf Numru 1031/2021 NC**

**Tlata Limited (C16319)**

**vs.**

**Salter Limited (C93910)**

Illum it-tmienja (8) ta' Novembru 2022

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Maħluf tas-soċjeta' attriċi Tlata Limited ippreżentat fl-20 ta' Ottubru 2021 li jgħid hekk:

> *"1. Illi r-Rikorrent kien irċieva diversi konsenji ta' radam minn għand is-Soċjeta' Intimata;*

*2) Illi l-ħlas tas-somma li għadha dovuta mis-Soċjeta' Intimata hija dika ta' ħamsa w ħamsin elf, tlett mija w ħmistax il-Ewro w sitta u sebgħin ċenteżmu ta' Ewro (€55,315.76) VAT inkluż;*

*3) Illi mid-Dokumenti annessi jirriżulta bl-aktar mod ampju w ċar li s-Soċjeta' Intimata hija debitriċi tas-Soċjeta' Rikorrenti (Ara dokumenti hawn annessi w markati bħala DOK A sa DOK Ġ);*

*4) Illi għalhekk is-Soċjeta' Rikorrenti għandha d-dritt illi teżiġi li titħallas direttament mingħand s-Soċjeta' Intimata w ċioe' s-somma ta' ħamsa w ħamsin elf, tlett mija w ħmistax il-Ewro w sitta w sebgħin ċenteżmu ta' Ewro (€55,315.76) VAT inkluż;*

*5) Illi s-Soċjeta' Rikorrenti tikkonferma li dan id-debitu huwa ċert, likwidu, u dovut rappreżentanti* ***depożitu ta' radam fil-propjeta'*** *tas-Soċjeta' Rikorrenti, liema ħlas is-Soċjeta' Intimata għadha ma effettwatx minkejja illi kienet ġiet interpellata diversi drabi biex tagħmel dan (Ara dokumenti hawn annessi w markati bħala DOK A sa DOK Ġ);*

*6) Illi barra li s-Soċjeta' Rikorrenti tikkonferma li s-somma ta' ħamsa w ħamsin elf, tlett mija w ħmistax il-Ewro w sitta w sebgħin ċenteżmu ta' Ewro (€55,315.76) VAT inkluż huwa debitu ċert, likwidu, w dovut,* ***di piu',*** *fl-opinjoni ta' l-istess Soċjeta' Rikorrenti, s-Soċjeta' Intimata ma għandha l-ebda eċċezzjoni x'tagħti w għalhekk fl-opinjoni ta' l-istess Soċjeta' Rikorrenti, l-Kawża tista tiġi deċiża abbażi ta' l-Artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*7) Illi dawn il-fatti huma magħrufa minn Paul Falzon personalment peress li huwa d-Direttur w ir-rappreżentant tas-Soċjeta' Rikorrenti Tlata Limited;*

*8) Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża;*

*Tgħid għalhekk s-Soċjeta' Intimata għaliex Dina l-istess Onorabbli Qorti ma għandhiex:*

*(1) Taqta' w tiddeċiedi l-kawża abbażi ta' l-Artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta w ċioe' bid-dispensa tas-smiegħ;*

*(2) Tiddikjara lill-istess Soċjeta' Intimata bħala debitur ta' l-istess Soċjeta' Rikorrenti fis-somma ta' ħamsa w ħamsin elf, tlett mija w ħmistax il-Ewro w sitta w sebgħin ċenteżmu ta' Ewro (€55,315.76) VAT inkluż, jew somma oħra verjuri;*

*(3) Tiddikjara w tordna lill-istess Soċjeta' Intimata tħallas lill-istess Soċjeta' Rikorrenti s-somma ta' ħamsa w ħamsin elf, tlett mija w ħmistax il-Ewro w sitta w sebgħin ċenteżmu ta' Ewro (€55,315.76) VAT inkluż, hekk likwidata. Kollox skond kif ġie dikjarat aktar 'l fuq u għar-raġunijiet premessi;*

*Bl-imgħax legali, w bl-ispejjeż hekk reklamati kontra l-istess Soċjeta' Intimata, inkluż dawk in konnessi ma' l-Ittra Uffiċjali hekk datata sitta (6) ta' Settembru 2021 u li ġġib in-Numru 3808/2021 u tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju hekk datat ħdax (11) ta' Ottubru 2021 u li ġġib in-Numru 1516/2021 w li huma sa issa riservati mressqa mis-Soċjeta' Rikorrenti w b'riserva għal kull azzjoni oħra spettanti lill-istess Soċjeta' Rikorrenti kontra l-istess Soċjeta' Intimata minn issa nġunta għas-subizzjoni tiegħu;*

*Bl-ispejjeż anke tal-preżenti."*

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali kollha ta' dan il-każ.

Rat id-digriet tagħha (*a fol.* 14) tas-26 ta' Ottubru 2021 li permezz tiegħu din il-kawża ġiet appuntata għas-smiegħ għas-seduta tal-24 ta' Novembru 2021 u li s-soċjeta' konvenuta ġiet ordnata sabiex tidher dakinhar u, fin-nuqqas, il-Qorti kienet ser tgħaddi biex tiddeċiedi minnufih il-kawża billi tilqa' t-talbiet tas-soċjeta' attriċi.

Rat illi minkejja li s-soċjeta' konvenuta Salter Limited ġiet debitament notifikata b'dawn il-proċeduri bil-proċedura tal-pubblikazzjoni u l-affisjoni, hija għażlet li ma tressaq l-ebda Nota skont Artikolu 170(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-ebda

rappreżentant tagħha ma deher għas-seduta tallum u b'hekk il-Qorti ddikjarat li kienet tinsab fi stat ta' kontumċja għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.

Rat illi, fis-seduta tallum, il-konsulent legali tas-soċjeta' attriċi Tlata Limited ippreżenta Nota fejn fiha t-talba tas-soċjeta' attriċi ġiet ridotta għal disgħa u tletin elf, tliet mija u disgħin Euro u ħamsa u disgħin ċenteżmu (€39,390.95).

Semgħet, fis-seduta tallum, lil Paul Falzon jixhed in rappreżentanza tas-soċjeta' attriċi.

**Ikkunsidrat**

Illi mir-Rikors Maħluf tas-soċjeta' attriċi hekk kif maħluf minn Paul Falzon in rappreżentanza tal-istess soċjeta' attriċi jingħad li l-attur kien rċieva diversi konsenji ta' radam minn għand is-soċjeta' konvenuta u li l-ħlas tas-somma li kienet għadha dovuta mis-soċjeta' konvenuta kienet dik ta' €55,315,76 (Vat inkluż). Jingħad li mid-dokumenti annessi mar-Rikors Maħluf jirriżulta li s-soċjeta' konvenuta hija debitriċi tas-soċjeta' attriċi u li s-soċjeta' attriċi għandha d-dritt illi teżiġi li titħallas direttament mingħand s-soċjeta' konvenuta s-somma hawn fuq imsemmija. Jingħad mis-soċjeta' attriċi li dan id-debitu huwa ċert, likwidu u dovut rappreżentanti depożitu ta' radam fil-proprjeta' tas-soċjeta' attriċi, liema ħlas is-soċjeta' konvenuta għadha ma affettwatx minkejja li ġiet interpellata diversi drabi biex tagħmel dan. Skont is-soċjeta' attriċi, is-soċjeta' konvenuta ma għandha l-ebda eċċezzjoni x'tagħti. Fid-depożizzjoni mogħtija waqt is-seduta tallum minn Paul Falzon in rappreżentanza tas-soċjeta' attriċi ngħad li l-ammont kif ridott permezz ta' Nota ta' Riduzzjoni ppreżentata fis-seduta tallum għadu dovut.

**Ikkunsidrat**

Illi wara li l-Qorti rat Artikolu 170(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta dwar smiegħ ta' kawżi bil-proċedura sommarja komunement magħrufa bħala bil-giljottina u tenut kont tal-fatt li fis-seduta tallum

l-ammont imsemmi fir-Rikors Maħluf ġie ridott u li dan l-ammont kif ridott jirriżulta li għadu dovut, il-Qorti hi sodisfatta li s-soċjeta' attriċi ppruvat il-każ tagħha skont il-liġi.

Illi, tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq, il-Qorti tikkonkludi illi t-talbiet tas-soċjeta' attriċi, b'dan illi s-*sorte* ġie ridott fis-seduta tallum kif hawn fuq imsemmi, huma ġustifikati *stante* illi jirriżultaw ippruvati.

Illi ladarba d-dejn huwa ta' natura kummerċjali b'hekk ikun opportun li ssir riferenza għal dak li ngħad mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza mogħtija minnha fit-3 ta' Ottubru 2002 fil-kawża fl-ismijiet **John Muscat et vs. Maġġur Louis Radmilli et** (Numru 1331/2001/1) fejn ingħad hekk:

> "jekk wieħed iqis li l-obbligazzjoni meħuda mill-imħarrkin kienet waħda ta' natura kummerċjali, allura jista' jingħad ukoll li l-imgħaxijiet jibdew jgħaddu *ipso jure* bla ħtieġa ta' talba għalihom b'att ġudizzjarju u b'effett minn dak inhar li l-obligazzjoni kellha titwettaq."

Illi l-kwistjoni tal-pagament tal-prezz u tal-imgħax pretiż għandu jitqies fil-kuntest ta' kull fattura individwali.[1] B'hekk l-imgħax għandu jiġi kalkulat b'mod separat mid-data rispettiva ta' kull fattura.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

(1) Tilqa' l-ewwel (1) talba tas-soċjeta' attriċi Tlata Limited billi tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smiegħ *ai termini* ta' Artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

[1] *Vide* **J&M Aluminium Ltd. vs. Alu. Care Mosta Limited** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-24 ta' Jannar 2012.

(2) Tilqa′ it-tieni (2) talba tas-soċjeta′ attriċi Tlata Limited u tiddikjara li s-soċjeta′ konvenuta Salter Limited hija debitriċi tas-soċjeta′ attriċi fis-somma ta′ disgħa u tletin elf, tliet mija u disgħin Euro u ħamsa u disgħin ċenteżmu (€39,390.95) dovuta kif hawn fuq spjegat;

(3) Tilqa′ it-tielet (3) talba tas-soċjeta′ attriċi Tlata Limited limitatament u tikkundanna lis-soċjeta′ konvenuta Salter Limited tħallas is-somma ta′ disgħa u tletin elf, tliet mija u disgħin Euro u ħamsa u disgħin ċenteżmu (€39,390.95) lis-soċjeta′ attriċi Tlata Limited.

Finalment, il-Qorti tordna wkoll li l-ispejjeż kollha marbuta ma′ dawn il-proċeduri hekk kif mitluba fir-Rikors Maħluf tas-soċjeta′ attriċi u bl-imgħax bit-tmienja fil-mija (8%) mid-data tal-fattura sad-data tal-ħlas effettiv jitħallsu kollha kemm huma mis-soċjeta′ konvenuta Salter Limited.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**